MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 176/2011

**Paul Demicoli**

**vs**

**Martin Farrugia**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Gunju 2011 fejn l-attur talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasu s-somma ta' erba' t'elef, sitt mija u erbgha u erbghin Ewro (€4,644) rapprezentanti totali ta' erba kambjali illi lkoll skadew u ghalhekk dovuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Marzu 2012 kif ukoll gew mwahhla bl-affissjoni fis-16 ta' Frar 2012 u saret

il-pubblikazzjoni fil-Gazetta Times of Malta tat-30 ta' Marzu 2012.

Illi fis-seduta tat-23 ta' April 2012 l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 16).

Rat illi fl-24 ta' April 2012 ir-rikorrent ipprezenta rikors sabiex jiggustifika l-kontumacja;

Rat illi fis-7 ta' Mejju 2012 il-partijiet  infurmaw il-Qorti illi l-pagamenti kienu saru u kull ma kien fadal kontestazzjoni kien il-kap ta' l-ispejjez.

Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2012 ma gew ipprezentati ebda provi u ghalhekk il-kawza giet differita ghall-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta'l-attrici jghid li l-kap ta' l-ispejjez kienu ghadhom ma thallsux.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda, filwaqt li tiddikjara il-meritu ezawrit, tilqa' t-talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza w tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------